REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1329

tal-10 ta' Awwissu 2021

li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, (UE) 2020/2236, (UE) 2021/403 u (UE) 2021/404 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tranżitorju għall-użu taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u taċ-ċertifikati uffiċjali meħtieġa għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 213(2), 224(4), 230(1), 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90 u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([3]), (UE) 2020/2236 ([4]) u (UE) 2021/403 ([5]) jistabbilixxu, *inter alia*, mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali meħtieġa biex jakkumpanjaw il-kunsinni tal-annimali u tal-oġġetti għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-kunsinni. Dawk ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni ġew adottati fil-qafas tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625. Ir-Regolament (UE) 2016/429 u dawk it-tliet Regolamenti ta' Implimentazzjoni japplikaw mill-21 ta' April 2021.

(2) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, (UE) 2020/2236 u (UE) 2021/403 jipprevedu perjodu tranżitorju għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali u ta' oġġetti akkumpanjati miċ-ċertifikati xierqa meħtieġa għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-kunsinni, maħruġa f'konformità mal-mudelli taċ-ċertifikati rilevanti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ qabel il-21 ta' April 2021, dment li dawn ikunu debitament iffirmati qabel

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2236 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni u għall-movimenti fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali akkwatiċi u ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali akkwatiċi, taċ-ċertifikazzjoni uffiċjali rigward tali ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 410).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE (ĠU L 113, 31.3.2021, p. 1).

il-21 ta' Awwissu 2021. Dawk iċ-ċertifikati iridu jinqraw f'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżitorji stipulati f'dawk ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni, fir-rigward ta' kwalunkwe att li ma għadux japplika msemmi f'dawk iċ-ċertifikati. Il-perjodu tranżitorju jintemm fl-20 ta' Ottubru 2021.

(3) Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([6]) jistabbilixxi, *inter alia*, regoli dwar il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li jridu jintużaw għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi, jew mit-territorji jew żoni tagħhom. Dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi, jew mit-territorji jew żoni tagħhom akkumpanjati miċ-ċertifikati xierqa maħruġa f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ qabel il-21 ta' April 2021, dment li ċ-ċertifikati jkunu debitament iffirmati qabel il-21 ta' Awwissu 2021. Dawk iċ-ċertifikati jridu jinqraw f'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, fir-rigward ta' kwalunkwe att li ma għadux japplika msemmi f'dawk iċ-ċertifikati. Dan il-perjodu tranżitorju jintemm ukoll fl-20 ta' Ottubru 2021.

(4) Il-perjodu tranżitorju attwalment previst fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, (UE) 2020/2236, (UE) 2021/403 u (UE) 2021/404, ma jagħtix biżżejjed żmien biex jiddaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa f'pajjiżi u f'territorji terzi għall-ħruġ ta' ċertifikati ġodda f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli mill-21 ta' April 2021. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-perjodu tranżitorju stabbilit f'dawk ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni jiġi estiż sal-15 ta' Marzu 2022 meta l-miżuri meħtieġa jkunu laħqu daħlu fis-seħħ u jkunu qed jitħaddmu. Jenħtieġ li dik l-estensjoni tassisti t-tranżizzjoni lejn l-użu taċ-ċertifikati l-ġodda previsti f'dawk l-erba' Regolamenti ta' Implimentazzjoni u li tipprevjeni kull tfixkil bla bżonn tal-kummerċ li jikkonċerna d-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni.

(5) Għalhekk jeħtieġ li jiġi estiż il-perjodu tranżitorju stabbilit fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, (UE) 2020/2236, (UE) 2021/403 u (UE) 2021/404 sabiex jingħata biżżejjed żmien lill-pajjiżi terzi u lit-territorji biex idaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa għar-rekwiżiti l-ġodda taċ-ċertifikazzjoni applikabbli mill-21 ta' April 2021, għal perjodu sal-15 ta' Marzu 2022, dment li ċ-ċertifikat rilevanti jiġi ffirmat qabel il-15 ta' Jannar 2022 mill-persuna awtorizzata li tiffirmah, sabiex jiġi evitat kull tfixkil bla bżonn fil-kummerċ.

(6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, (UE) 2020/2236, (UE) 2021/403 u (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.

(7) Fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-emendi li jridu jsiru fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, (UE) 2020/2236, (UE) 2021/403 u (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jidħlu fis-seħħ b'urġenza.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235

Fl-Artikolu 35 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, ta' prodotti komposti, ta' nebbieta maħsuba għall-konsum mill-bniedem u ta' żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem akkumpanjati miċ-ċertifikati xierqa maħruġa f'konformità mal-mudelli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 28/2012 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/628, għandhom jiġu aċċettati għad-dħul fl-Unjoni sal-15 ta' Marzu 2022 dment li ċ-ċertifikat ikun ġie ffirmat mill-persuna awtorizzata li tiffirma ċ-ċertifikat f'konformità ma' dak ir-Regolament u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni qabel il-15 ta' Jannar 2022."

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236

Fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kunsinni ta' annimali akkwatiċi u ta' prodotti li ġejjin mill-annimali akkwatiċi akkumpanjati miċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali xierqa maħruġa f'konformità mal-mudell stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 għandhom jiġu aċċettati għad-dħul fl-Unjoni sal-15 ta' Marzu 2022 dment li ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jkun ġie ffirmat minn spettur uffiċjali qabel il-15 ta' Jannar 2022."

Artikolu 3

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403

Fl-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kunsinni ta' annimali terrestri u l-prodotti ġerminali tagħhom akkumpanjati miċ-ċertifikat xieraq maħruġ f'konformità mal-mudelli stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 798/2008 u (UE) Nru 206/2010, mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 u (UE) 2018/659, mad-Deċiżjonijiet 2006/168/KE, u 2010/472/UE, kif ukoll f'konformità mad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE, 2012/137/UE u (UE) 2019/294, għandhom jiġu aċċettati għad-dħul fl-Unjoni sal-15 ta' Marzu 2022 dment li ċ-ċertifikat ikun ġie ffirmat mill-persuna awtorizzata biex tiffirma ċ-ċertifikat f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti, mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni, mad-Deċiżjonijiet u mad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni qabel il-15 ta' Jannar 2022."

Artikolu 4

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

Fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kunsinni ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi, jew mit-territorji jew partijiet tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni f'konformità mal-atti li ġejjin, u akkumpanjati miċ-ċertifikat xieraq maħruġ f'konformità ma' dawk l-atti, għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni sal-15 ta' Marzu 2022, dment li ċ-ċertifikat ikun ġie ffirmat mill-persuna awtorizzata biex tiffirma ċ-ċertifikat f'konformità ma' dawk l-atti qabel il-15 ta' Jannar 2022:

— Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

— Ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008;

— Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010;

— Ir-Regolament (UE) Nru 605/2010;

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 139/2013;

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759;

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659;

— Id-Deċiżjoni 2006/168/KE,

— Id-Deċiżjoni 2007/777/KE,

— Id-Deċiżjoni 2008/636/KE,

— Id-Deċiżjoni 2010/472/UE,

— Id-Deċiżjoni 2011/630/UE,

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/137/UE,

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/294."

Artikolu 5

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN